

22004D0012

22.4.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 116/63

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE****Nru 12/2004****tas-6 ta' Frar 2004****li temenda l-Anness XXI (Statistiċi) mal-Ftehim dwar iż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XXI mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 161/2003 tas-7 ta' Novembru 2003 <sup>(1)</sup>.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 91/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar statistiċi ta' trasport ferrovjarju <sup>(2)</sup> għandu jkun inkorporat fil-Ftehim.
- (3) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tkun applikata għall-Islanda,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

It-test tal-punt 7 (Direttiva tal-Kunsill 80/1177/KEE) ta' l-Anness XXI mal-Ftehim għandu jkun issostitwit b'li ġej:

**"32003 R 0091:** Regolament (KE) Nru 91/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar statistiċi ta' trasport ferrovjarju (ĠU L 14, tal-21.1.2003, p. 1).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet tal-Ftehim preżenti, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) dan ir-Regolament m'għandux japplika għall-Islanda;
- (b) l-annessi A, C, E, F, J u K m'humiex rilevanti għal-Liechtenstein."

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament (KE) Nru 91/2003 fil-lingwa Norveġiża, li għandu jkun ippubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE mal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-7 ta' Frar 2004, sakemm in-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu ntgħamli (ntgħatu) lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

<sup>(1)</sup> ĠU L 41, tat-12.2.2004, p. 60.

<sup>(2)</sup> ĠU L 14, tal-21.1.2003, p. 1.

(\*) Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE ma', il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Frar 2004.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

---